Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Diċembru 1994

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur minn►M2 ————— ◄ pajjiżi terzi

(Test b'relevanza għaż–ŻEE)

(94/984/KE)

(ĠU L 378 , 31.12.1994, p. 11)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/302/KE, tat-13 ta' Lulju 1995	L 185	50	4.8.1995
►**M2**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/298/KE, tat-23 ta' Frar 1996	L 114	33	8.5.1996
►**M3**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/456/KE, tat-22 ta' Lulju 1996	L 188	52	27.7.1996
►**M4**	Id-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/254/KE, tal-20 ta' Marzu 2000	L 78	33	29.3.2000
►**M5**	Id-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 2000/352/KE, tal-4 ta' Mejju 2000	L 124	64	25.5.2000
►**M6**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/598/KE, tal-11 ta' Lulju 2001	L 210	37	3.8.2001
►**M7**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/659/KE, tas-fis-6 ta' Awwissju 2001	L 232	19	30.8.2001
►**M8**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/477/KE, ta' l-20 ta' Ġunju 2002	L 164	39	22.6.2002
►**M9**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/810/KE, tas-17 ta' Novembru 2003	L 305	11	22.11.2003
►**M10**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/118/KE, tat-28 ta' Jannar 2004	L 36	34	7.2.2004
►**M11**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/436/KE, tad-29 ta' April 2004	L 154	60	30.4.2004

Emendata minn:

►**A1**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	33	23.9.2003

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Diċembru 1994

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur minn►M2 ——————— ◄ pajjiżi terzi

(Test b'relevanza għaż–ŻEE)

(94/984/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/494/KEE tas-26 ta' Ġunju 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-laħam tat-tjur frisk ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/121/KE ([2]), u partikolarment l-Artikoli 11 u 12 tagħha,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE ([3]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 94/453/KE ([4]), stabbiliet lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur hija awtorizzata;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/438/KE ([5]) stabbiliet il-kriterji ġenerali għall-klassifikazzjoni ta' pajjiżi terzi dwar l-influwenza ta' l-għasafar u l-marda tan-Newcastle fejn huma kkonċernati l-importazzjonijiet tal-laħam frisk tat-tjur;

Billi huwa xieraq li jkun ristrett l-iskop ta' din id-Deċiżjoni għall-ispeċi ta' tjur li huma koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE ([6]), kif l-aħħar emendata u aġġornata bid-Direttiva 92/116/KEE ([7]) u li jkunu stabbiliti il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-ispeċi l-oħrajn tat-tjur f'Deċiżjoni separata;

Billi, għalhekk, il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għandhom jiġu stabbiliti; billi, peress li hemm gruppi differenti ta' sitwazzjonijiet simili tas-saħħa bejn tnejn jew tlett pajjiżi terzi, huwa xieraq li jkunu stabbiliti ċertifikati tas-saħħa differenti fid-dawl ta' dawk is-sitwazzjonijiet;

Billi issa huwa possibbli, skond l-informazzjoni li tkun waslet mingħand il-pajjiżi terzi kkonċernati u bir-riżultati tal-ispezzjonijiet li jkunu saru mis-servizzi tal-Kummmissjoni f'uħud minn dawn il-pajjiżi, li jkunu stabbiliti żewġ kategoriji ta' ċertifikazzjoni;

Billi s-sitwazzjoni tal-pajjiżi terzi l-oħrajn li għalihom għadu mhux possibbli li jkun stabbilit ċertifikat hija studjata b'attenzjoni sabiex ikun magħruf jekk dawn ikunux konformi mal-kriterji tal-Komunità jew le; billi din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1995 biex tawtorizza jew tipprojbixxi l-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi;

Billi din id-Deċiżjoni tapplika mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħuda għal-laħam tat-tjur impurtat għal skopijiet oħrajn għajr il-konsum uman;

Billi, peress li skema ta' ċertifikazzjoni ġdida qed tiġi stabbilita, għandu jkun hemm provvediment ta' perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħha;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 35.
([2]) ĠU L 340, tal-31.12.1993, p. 39.
([3]) ĠU L 44, tas-17.2.1994, p. 31.
([4]) ĠU L 187, tat-22.7.1994, p. 11.
([5]) ĠU L 181, tal-15.7.1994, p. 35.
([6]) ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23.
([7]) ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 1.

▼B

Artikolu 1

►M6 1. ◄ L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi li huma elenkati fl-Anness I, basta li din tkun tilħaq il-kriterji taċ-ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali li jikkorrispondi maċ-ċertifikat li hemm stabbilit fl-Anness II u li din tkun akkumpanjata minn dan iċ-ċertifikat, mimli u ffirmat kif suppost. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-parti ġenerali li tkun konformi ma' l-Anness II, il-Parti 1, u wieħed miċ-ċertifikati speċifiċi tas-saħħa li jkun konformi ma' l-Anness II, il-Parti 2, skond il-mudell referut fl-Anness I.

▼M6

2. Il-laħam frisk tat-tjur, maħsub għall-ikkunsinnar lill-Komunità u li jaderixxi mal-ħtiġijiet ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi mmarkat b'marka tas-saħħa li tirrispondi għall-kriterja msemmija fl-Anness III.

▼M11

Artikolu 1a

L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kunsinni tal-laħam tat-tjur għall-konsum mill-bniedem, introdotti ġewwa t-territorju tal-Komunità u li jkunu ddestinati għal pajjiż terz jew fi transitu immedjat jew wara l-ħażna skond l-Artikoli 12(4) jew 13 tad-Direttiva 97/78/KE, u mhux maħsuba għall-importazzjoni fil-KE għandhom jikkonformaw mal-ħtiġiet li ġejjin:

(a) għandhom ikunu ġejjin mit-territorju ta' pajjiż terz jew ta' parti minnu elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għall-importazzjoni tal-laħam frisk tat-tjur.

(b) għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifiċi tas-saħħa ta' l-annimali ddikjarati fil-parti ta' l-attestat tas-saħħa ta' l-annimali fil-parti A jew B taċ-ċertifikat mudell, imfassal fil-parti 2 ta' l-Anness II.

(ċ) għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa ta' l-annimali stabbilit skond il-kampjun Ċ stabbilit fil-parti 2 ta' l-Anness II, iffirmat minn uffiċjal veterinarju tas-servizzi veterinarji kompetenti tal-pajjiż terz interessat.

(d) ikunu ċċertifikati bħala aċċettabbli għat-transitu jew għall-ħażna (kif approprjat) fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispezzjon ta' fuq il-Fruntiera tad-dħul.

Artikolu 1b

1. Bħala deroga mill-Artikolu 1a, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw it-transitu bit-triq jew bil-ferrovija minn ġol-Komunità bejn il-posti Komunitarji ta' l-ispezzjon innominati elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2001/881/KE, tal-kunsinni li jkunu ġejjin mir-Russja u ddestinati għaliha direttament jew permezz ta' pajjiż terz ieħor sakemm jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kunsinna għandha tkun issiġillata b'siġill enumerat b'serje fuq il-posta ta' l-ispezzjon ta' fuq il-fruntiera tad-dħul fil-Komunità Ewropea mis-servizzi veterinarji ta' l-awtorità kompetenti;

(b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna u riferiti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu ttimbrati "GĦAT-TRANSITU LEJN IR-RUSSJA BISS PERMEZZ TAL-KE" fuq kull paġna mill-uffiċjal veterinarju ta' l-awtorità kompetenti responsabbli għall-*BIP*;

(ċ) il-ħtiġiet proċedurali pprovvduti fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu kkonformati magħhom;

(d) il-kunsunna tiġi ċċertifikata bħala aċċettabbli għat-transitu fuq id-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul mill-Uffiċjal Veterinarju fuq il-Posta ta' l-Ispezzjon ta' fuq il-Fruntiera tad-dħul.

▼M11

2. Ma għandhomx jiġu permessi l-ħatt jew il-ħażna, kif iddefiniti fl-Artikolu 21(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fit-territorju tal-KE għal dawn il-kunsinni.

3. Għandhom isiru verifiki regolari mill-awtorità kompetenti sabiex jiżguraw illi n-numru tal-kunsinni u tal-kwantitajiet tal-prodotti li jħallu t-territorju tal-Komunità Ewropea jaqbel man-numru tal-kwantitajiet li jidħlu.

▼B

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 1995.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1995.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M10

L-ANNESS I

Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li jitħallew jużaw iċ-ċertifikati stabbiliti fl-Anness II għall-importazzjonijiet tal-laħam tat-tjur frisk fl-Unjoni Ewropea

Nota: l-itri A u B jirreferu ghall-mudelli stabbiliti f'parti 2 ta' l-Anness II.

Kodiċi-ISO	Pajjiż	Partijiet tat-territorju	Mudell ta' ċertifikat li għandu jintużq(A jew B)
AR	l-Arġentina		A
AU	l-Awstralja		B
BG	il-Bulgarija		A
BR-1	il-Brażil	Distrito Federal u l-Istati ta' Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	A
CA	il-Kanada		A
CH	l-Isvizzera		A
CL	iċ-Ċili		A
CN-1	iċ-Ċina	Il-muniċipalita ta' Shanghai eskluża l-kontea ta' Chongming u d-distretti ta' Weifang, Linyi u Qingdao fil-Provinċja ta' Shang-dong	B
▼A1 ——— ▼M10 EE (*)	l-Estonja (*)		A
HR	il-Kroazja		A
▼A1 ——— ▼M10 IL	l-Iżrael		A
▼A1 ——— ▼M10 LV (*)	il-Latvja (*)		A
MT (*)	Malta (*)		A
NZ	in-New Zealand		A
▼A1 ——— ▼M10 RO	ir-Rumanija		A
▼A1 ——— ▼M10 TH	it-Tajlandja		A

▼**M10**

Kodiċi-ISO	Pajjiż	Partijiet tat-territorju	Mudell ta' ċertifikat li għandu jintużq(A jew B)
TN	it-Tuneżija		A
US	l-Istat Uniti ta' l-Amerika		A

(*) Applikabbli biss sakemm dan l-Istat li qed jaderixxi isir Stat Membru tal-Komunità.

▼M6

L-ANNESS II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA PUBBLIKA U TA' L-ANNIMALI GĦALL-LAĦAM FRISK TAT-TJUR GĦALL-KONSUM TAL-BNIEDEM (1)

PARTI 1

Notament għall-importatur: Dan iċ-ċertifikat huwa biss għall-għanijiet veterinarji u l-oriġinali għandu jakkumpanja 'l kunsinna sakemm tasal fil-post ta' spezzjoni fil-fruntiera.

1. Min jikkonsenja (isem u indirizz shaħ):	2. Ċertifikat tas-saħħa Nru. Oriġinali:
3. Pajjiż ta' oriġini: 3.1. Reġjun (2):	4. Destinatarju (Isem u indirizz shaħ):
5. Awtorità Kompetenti (livell Ċentrali): 5.1. Ministeru: 5.2. Servizz:	6. Awtorità kompetenti (livell lokali):
7. Indirizz ta' l-istabbiliment 7.1. Biċċerija: 7.2. Impjant tat-tqattiegħ (3): 7.3. Maħżen tal-friża (3):	8. Post ta' tagħbija:
9.1. Mezz ta' trasport (4) 9.2. Numru tas-siġill (5):	10.1. Stat Membru ta' destinazzjoni: 10.2. Destinazzjoni finali:
11. Numru(i) ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment(i) 11.1. Biċċerija: 11.2. Impjant tat-tqattiegħ (3): 11.3. Maħżen tal-friża (3):	12.1. Speċje tat-tajr: 12.2. Natura tal-qatgħat:
13.1. Natura tal-pakketti: 13.2. Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinja.	14. Kwantità: 14.1. Piż nett (kg): 14.2. Numru ta' pakketti:

Notament: Għandu jkun provdut ċertifikat separat għal kull kunsinna ta' laħam frisk tat-tjur.

(1) Laħam frisk tat-tjur ifisser kull parti ta' tajr domestiku, dundjani, *guinea fowl*, wiżż u papri li huma tajbin għall-konsum tal-bniedem u li ma għaddew mill-ebda trattament ħlief minn trattament bil-kesħa sabiex tkun żgurata l-priservazzjoni tiegħu: laħam ippakkjat taħt vakum jew laħam ippakkjat f'atmosfera kontrollata għandu jkun akkumpanjat ukoll minn ċertikat skond dan il-mudell.

(2) Għandu jimtela biss jekk l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lill-Kommunità hija ristretta lil ċerti reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.

(3) Ħassar jekk ma japplikax.

(4) Indika l-mezz tat-trasport u l-marki ta' reġistrazzjoni jew isem reġistrat kif xieraq.

(5) Mhux obbligatorju.

▼**M7**

PARTI 2

MUDELL A

15. **Attestazzjoni tas-saħħa**

I. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali*

Jien, l-uffiċjal veterinarju hawn taħt iffirmat, niċċertifika b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/494/KEE:

1. li ..... (1), reġjun ..... (2), huwa hieles minn:

(a) influwenza ta' l-ghasafar, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE);

(b) marda tan-Newcastle, kif definit fil-Kodiċi Internazzjonali tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE) (3);

2. li l-laħam deskritt hawn fuq inkiseb minn tjur li:

(a) inżammu fit-territorju ta'

..... (1), reġjun ..... (2),

mindu faqqsu jew ġew impurtati bħala flieles ta' ġurnata;

(b) jiġi minn ażjendi li:

— ma tqieghdux taht restrizzjonijiet ta' l-annimali f'konnessjoni ma' kull marda li ghaliha huma suxxettibbli t-tjur,

— Li madwarhom, f'*radius* ta' 10 km li jinkludi fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż żar, ma kien hemm l-ebda tifqiegh ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle ghal mill-inqas 30 jum;

(c) ma nqatlux fil-kuntest ta' ebda skema tas-saħħa ta' l-annimali ghall-kontroll ta' jew qerda ta' mard tat-tjur;

(d) waqt it-trasport lill-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettat bl-influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle;

3. li l-laħam deskritt hawn fuq

(a) jiġi minn biċċeriji li, fil-ħin tal-qatla, m'humiex taħt restrizzjonijiet minħabba tifqiegħa suspettata jew konfermata ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle u li madwarhom, f'*radius* ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tifqiegh ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle ghal mill-inqas 30 jum;

(b) ma ġiex f'kuntatt, f'ebda ħin tal-qatla, tqattiegh, ħażna jew trasport ma' *ratites* jew laħam li ma jaderixxux mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/494/KEE.

II. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika*

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 71/118/KEE:

1. li l-laħam deskritt hawn fuq jaderixxi mal-ħtiġijiet tal-Kapitolu II u kull kundizzjoni addizzjonali tad-Direttiva 71/118/KEE, u instab li huwa tajjeb ghall-konsum uman wara li twettqet spezzjoni qabel u wara l-qatla f'applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

2. li l-laħam deskritt hawn fuq ġie/ma ġiex (4) soġġett għal proċess ta' tiksiħ billi jiġi mgħarraq;

3. laħam deskritt hawn fuq ġie mmarkat skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 94/984/KE;

4. li l-laħam deskritt hawn fuq jaderixxi mal-ħtiġijiet tad-Deċiżjoni 95/411/KE (5);

►(1) 5. li l-laħam ikun ġej minn stabbiliment li jagħmel eżamijiet ta' l-iġjene ġenerali skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kommissjoni 2001/471/KE (6). ◄

(1) Isem il-pajjiż ta' oriġini.
(2) Ghandu jimtela biss jekk l-awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni lill-Komunità hija ristretta lil ċerti reġjuni tal- pajjiż terz konċernat.
(3) Il-punt 1(b) ma jghoddx ghall-Brażil, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżrael jew l-Isvizzera.
(4) Ħassar ir-referenza li m'hijiex meħtieġa.
(5) Ħassar jekk il-kunsinna m'hijiex maħsuba ghall-esportazzjoni lill-Isvezja jew il-Finlandja.
(6) ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 48.

► (1) **M8**

▼**M7**

III. *Attestazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-annimali*

Jien, il-veterinarju uffiċċjali hawn taht iffirmat, niċċertifika li:

1. Qrajt u fhimt id-Direttiva 93/119/KE;

2. Il-laham huwa miksub minn annimali li ġew trattati fil-biċċerija qabel u waqt il-qatla f'konformità mad-dispożizzjonijiet relattivi tad-Direttiva 93/119/KE.

Maghmul f' ..... f' .....

Timbru (6)

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċċjali) (6)

.....
(isem b'ittri kbar, kwalifiki u titlu) (6)

(6) It-timbru u l-firma ghandhom ikunu ta' kulur differenti mill-istampat

▼**M6**

MUDELL B

15. **Attestazzjoni tas-saħħa**

I. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali*

Jien, il-veterinarju uffiċċjali ffirmat hwn taħt, niċċertifika f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/494/KEE:

1. li ..... (1), reġjun ..... (2), huwa hieles minn:

influwenza ta' l-ghasafar u l-marda tan-Newcastle, kif definit fil-Kodiċi Internazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali tal-OIE;

2. li l-laham deskritt hawn fuq huwa miksub minn tjur li:

a) inżammu fit-territorju ta'

..... (1), reġjun ..... (2),

minndu faqqsu jew ġew impurtati bhala flieles ta' ġurnata.

b) jiġu minn ażjendi:

— li ma tqieghdux taht restrizzjonijiet ta' l-annimali f'konnessjoni ma' ebda marda li ghaliha huma suxxettibbli t-tjur;

— li madwarhom, f'*radius* ta' 10 km li jinkludi fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqiegha ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle ghal mill-inqas 30 ġurntata;

c) ma nqatlux fil-kuntest ta' ebda skema tas-sahha ta' l-annimali ghall-kontroll jew qerda ta' mard tat-tjur;

d) waqt it-trasport ghall-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettat bl-influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle;

3. li l-qatgha ta' tjur kummerċjali ghall-qatla li minnha ġej il-laham:

a) ma tlaqqmittx b'tilqim preparati minn *master seed* tal-marda tan-Newcastle li turi patoġeniċità ogħla mill-i*strains* lentoġeniċi tal-vajrus; u

b) waqt il-qatla ghadda, abbażi minn kampjun magħżul bl-addoċċ ta' *cloacal swabs* ta' mill-inqas 60 ghasfur minn kull qatgha konċernata, test ta' isolament tal-vajrus ghall-marda tan-Newcastle, li twettaq f'laboratorju uffiċċjali, li fih ma nstabu l-ebda *paramyxoviruses* ta' l-ghasafar b'indiċi ta' patoġeniċità intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4; u

c) matul il-perijodu ta' 30 ġurnata qabel il-qatla ma kienitx f'kuntatt ta' tjur li ma jaderixxux mal-garanziji msemmijin f' (a) u (b);

4. li l-laham deskritt hawn fuq:

a) jiġi minn biċċeriji approvali li, fil-hin tal-qatla, m'humiex taht restrizzjonijiet minhabba suspett jew tifqiegha konfermata ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle u li madwarhom, f'*radius* ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda tifqiegh ta' influwenza ta' l-ghasafar jew marda tan-Newcastle ghal mill-inqas 30 ġurnata;

b) matul it-30 ġurnata qabel il-qatla, tqattiegh, ħażna jew trasport ma ġewx f'kuntatt ma' *ratites* jew laham li ma jaderixxux mal-htiġijiet tad-Direttiva 91/494/KEE.

II. *Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika*

Jien, il-veterinarju uffiċċjali ffirmat hawn taht, niċċertifika, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 71/118/KEE:

1. li l-laham deskritt hawn fuq jaderixxi mal-htiġijiet tal-Kapitolu II u kull kundizzjoni addizzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE, u instab li huwa tajjeb ghall-konsum tal-bniedem wara li twettqu spezzjonijiet qabel u wara l-qatla b'applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

2. li l-laham deskritt hawn fuq kien/ma kienx (3) soġġett ghal proċess ta' tkessiħ billi ġie mgharraq;

3. li l-laham deskritt hawn fuq ġie mmarkat skond l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 94/984/KE;

4. li l-laham deskritt hawn fuq jaderixxi mal-htiġijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/411/KE (4);

►(1) 5. li l-laħam ikun ġej minn stabbiliment li jagħmel eżamijiet ta' l-iġjene ġenerali skond id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kommissjoni 2001/471/KE (5). ◄

(1) isem tal-pajjiż ta' oriġini.
(2) Ghandu jimtela biss jekk l-awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni lill-Komunità hija ristretta lil ċerti reġjuni tal-pajjiż terz konċernat.
(3) Ħassar ir-riferenza li m'hijiex mehtieġa.
(4) Ħassar jekk il-kunsinna m'hijiex mahsuba ghall-esportazzjoni lill-Isvezja jew il-Finlandja.
(5) ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 48.

► (1) **M8**

▼**M6**

III. *Attestazzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-annimali*

Jien, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, niċċertifika li:

1. Qrajt u fhimt id-Direttiva 93/119/KE;
2. Il-laħam inkiseb minn annimli li ġew trattati fil-biċċerija qabel u wara l-qatla f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 93/119/KE.

Maghmul f' ..... f' .....

Timbru (5)

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċċjali) (5)

.....
(isem f'ittri kbar, kwalifiki u titolu) (5)

(5) It-timbru u l-firma għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

▼**M11**

Mudell C

IL-MUDELL TAT-TRANSITU/IL-ĦAŻNA

1. Il-Kunsinnatur (l-Isem u l-indirizz shaħ)
.....
.....
.....
.....
.....

2. Id-Destinatarju (l-Isem u l-indirizz shaħ)
.....
.....
.....
.....

5. Id-Destinazzjoni maħsuba (it-transitu)/(il-ħażna] (7) tal-laħam
5.1. Il-ħażna fi:
L-Istat Membru tal-KE: .....
L-Isem u l-indirizz ta l-istabbliment (5) (10):
.....
.....
5.2. Id-Destinazzjoni tat-transitu tal-pajjiż terz finali (10):
.....
L-Isem u l-indirizz tal-ħruġ tal-*BIP* tal-Komunità (10):
.....

IĊ-ĊERTIFIKAT VETERINARJU
għal-laħam frisk tat-tjur (1) **għat-transitu l-ħażna** (2) (7) **fit-** (2) (7) **tal-Komunità Ewropea**

Nru (3) L-ORIĠINAL

3. L-Oriġini tal-laħam (4)
3.1. L-Isem tal-pajjiż u l-kodiċi ta' l-*ISO*: .....
3.2. Il-Kodiċi tat-territorju: .....

4. L-awtorità kompetenti
4.1. Il-Ministeru: .....
4.2. Is-Servizz: .....
.....
4.3. Il-Livell lokali/reġjonali: .....
.....
.....

6. Il-Post tat-taħbija għall-esportazzjoni
.....
.....

7. Il-Mezzi ta' l-identifikazzjoni tat-trasport u tal-kunsinna (6)
7.1. (Trakk)/(Vagun tal-Ferrovija)/(Bastiment)/(Ajruplan) (7)
7.2. In-Numru/i tar-reġistrazzjoni, l-isem tal-bastiment jew in-numru tat-titjira:
.....
.....
.....

7.3. Id-Dettalji ta' l-identifikazzjoni tal-kunsinna (8):
.....
.....
.....
.....
.....

8. L-Identifikazzjoni tal-laħam
8.1. Il-Laħam minn: ..... (Il-Laħam minn).
8.2. L-Identifkazzjoni individwali għall-prodott mil-laħam f'din il-kunsinna: imkessaħ/iffriżat (5)
8.3. L-Identifkazzjoni individwali tal-laħam tat-tjur f'din il-kunsinna:

In-Natura tal-qatgħat (8)	L-Isem u l-indirizz ta l-istabbliment/ Il-Biċċerija	qtugħ/manifattura	Il-Maħżen tal-kesha	In-Numru tal-pakkeġġi/biċċiet	Il-Piż nett (kg)
			It-Total		

▼**M11**

9. L-Attestat tas-Saħħa ta' l-Annimali

Jiena, hawn taħt iffirmat, veterinarju uffiċjali, hawnhekk niċċertifika illi l-prodott mil-laħam frisk deskritt hawn fuq:

9.1. ġej minn pajjiż jew reġjun awtorizzati għall-importazzjonijiet fil-KE kif stabbilit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 94/984/KE fil-waqt tal-qatla u,

9.2. jikkonforma mal-kondizzjonijiet rilevanti tas-saħħa ta' l-annimali kif stabbilit fl-attestat tas-saħħa ta' l-annimali fiċ-ċertifikat mudell A/B(7) mad-Deċiżjoni 94/984/KE u

9.3. huwa derivat minn tjur li ġew maqtula u ppoċessati fi jew bejn il- ..... [9].

10. It-timbru uffiċjali u l-firma

Magħmul fi ..... fi .....

(It-timbru) [11]

.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali) [11]

.....
(-isem b'ittri kbar, il-kwalifiki u t-titolu)

Noti

[1] Laħam frisk tat-tjur ifisser kull parti tat-tjur, id-dundjani, il-farġun, il-wiżż u l-papri kollha li huma tajba għall-konsum mill-bniedem u li ma jkunu għaddew minn l-ebda trattament għajr it-trattament bil-kesħa sabiex jiżgura l-priservazzjoni tiegħu: il-laħam imgeżwer fil-vakwu jew il-laħam imgeżwer f'atmosfera kkontrollata jridu ukoll ikunu akkumanjati b'ċertifikat skond dan il-kampjun.

[2] Skond l-Artikolu 12(4) jew l-Artikolu 13 tad-Direttivatal-Kunsill 97/78/KE.

[3] Maħruġ mill-awtorità kompetenti.

[4] Il-pajjiż u d-deskrizzjoni tat-territorju kif jidhru fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/984/KE (kif l-aħħar emendata).

[5] Għandhom jiġu inklużi l-indirizz (u n-numru ta' l-approvazzjoni jekk magħruf) tal-maħżen f'żona ħielsa, maħżen ħieles, maħżen tad-dwana jew bejjiegħ ta' l-oġġetti lill-bastimenti.

[6] Għandhom jingħataw in-numru/i tal-vagun tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-bastiment kif approprjat. Jekk magħruf, in-numru tat-titjira tal-vettura ta' l-ajru.

Fil-każ tat-trasport fil-kontenituri jew fil-kaxxi, għandhom jiġu indikati n-numru totali, ir-reġistrazzjoni u n-numri tas-siġilli tagħhom, jekk preżenti, skond il-punt 7.3.

[7] Żomm kif approprjat.

[8] Imla kif approprjat.

[9] Id-Data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx ikunu permessi meta miksuba minn annimali maqtula jew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi fin-nota (4) ta' qiegħ il-paġna, jew matul perjodu taż-żmien meta jkunu ġew adottati l-miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju.

[10] Imla kif approprjat.

[11] Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola tapplika għat-timbri għajr dawk ibbuzzati 'l barra jew bil-marka ta' l-ilma.

▼**M6**

L-ANNESS III

MARKA TAS-SAĦĦA GĦALL-LAĦAM FRISK TAT-TJUR

►**M8** Il-marka tas-saħħa msemmija fl-Artikolu 1(2) ◄ tad-Deċiżjoni 94/484/KE għandha tinkludi:

(a) għall-laħam imkebbeb f'unitajiet individwali jew għal pakketti żgħar:

— fuq il-parti ta' fuq, il-kodiċi ta' riferenza ISO għall-pajjiż ta' oriġini,

— fiċ-ċentru, in-numru ta' aprovazzjoni tal-veterinarju tal-biċċerija jew, fejn xieraq, il-bini fejn isir il-qtugħ jew iċ-ċentru fejn il-prodott jerġa jiġi mkebbeb,

l-ittri u l-figuri għandhom ikunu 0,2 ċentimetri għoljin;

(b) għal pakketti kbar, marka ovali wiesgħa mill-inqas 6,5 ċm b'għoli ta' 4,5 ċm, li jkun fiha l-isem tal-pajjiż, il-kodiċi ISO tiegħu u n-numru ta' approvazzjoni veterinarju tal-biċċerija jew, fejn xieraq, il-bini fejn isir it-tqattiegħ jew iċ-ċentru fejn il-prodott jerġa' jiġi mkebbeb; l-ittri għandhom ikunu għoljin mill-inqas 0,8 ċm u l-figuri għoljin mill-inqas 1 ċm; il-marka tas-saħħa tista', barra minn hekk, tinkludi indikazzjoni li tgħin l-identifikazzjoni tal-veterinarju li wettaq l-ispezzjoni tas-saħħa fuq il-laħam.

Il-materjal użat għall-immarkar għandu jilħaq il-ħtiġijiet kollha ta' l-iġjene u l-informazzjoni għandha tidher fuqu f'forma perfettament leġibbli.

Id-dispożizzjonijiet tal-punti 65, 67 u 68 tal-Kapitolu XII ta' l-Anness I lid-Direttiva 71/118/KEE japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċeduri ta' l-immarkar tas-saħħa, kif ukoll għall-użu ta' pakketti kbar.